*Kunsill Lokali Marsaskala*
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill b'urġenza Kunsill Lokali Marsaskala**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 18**

**It-Tnejn 10 ta' Novembru 2025.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija u mxandra fuq il-website tal-Kunsill.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku

Beverly Saliba – Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Celine Camilleri – Kunsillier
Francis Gilford – Kunsillier
Jesmond Abela - Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Janice Falzon – Viċi Sindku
Patrick Camilleri-Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Eżekuttiv

**18.1** ***<u>Qari t'aploġija:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra t' apoloġija tal-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon u l-Kunsillier Dr Patrick Camilleri.

**18.2** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti: Laqgħa 17 li saret Nhar it-Tlieta 21 ta' Ottubru 2025:</u>***

**18.2.1** **<u>Korrezzjoni tal-Minuti: Laqgħa 17 li saret Nhar it-Tlieta 21 ta' Ottubru 2025:</u>**

18.2.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud talab sabiex paġna 5 l-ewwel paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej.

*Kien hemm qbil li din il-kwotazzjoni tingħata lill Jurginny Christmas & Lights decorations peress li hu l-irħas offerent.*

18.2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud talab sabiex paġna 5 paragrafu 17.3.3 għandu jinbidel u jinqara kif ġej.

*Kien hemm qbil li din il-kwotazzjoni tingħata lill Jan Grech decorative lights and street lights decorations peresli hu l-irħas offerent.*

18.2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud talab sabiex paġna 6 paragrafu 17.3.6 għandu jinbidel u jinqara kif ġej.

*Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kellu laqgħa hu flimkien mall-Kunsilliera is-Sur Charlot Mifsud u l-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba u l-Kunsillier is-Sur John Camilleri mall-Pulizija. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi mall-Pulizija għandna rapport tajjeb speċjalment ma ta' CPT u dejjem sibnijhom meta kellna bżonnhom.*

18.2.1.2 Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri talbet sabiex paġna 6 paragrafu 17.3.8 għandu jinbidel u jinqara kif ġej.

*Is-Sindku s-Sur Mario Calleja flimkien mall-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri, l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud, l-Assistent Prinċipal is-Sinjura Rebecca Micallef u s-Sinjorina Joy Decelis kellhom laqgħa ġewwa Atheni l-Greċja fejn kienet laqgħa tajba ħafna u għamlu ħafna mistoqsijiet għaliex issa ser issir l-AGM ġewwa Malta u din tirrikjedi ħafna xogħol u x-xgħol beda ġmielu.*

18.2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud talab sabiex paġna 7 l-ewwel paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej.

*Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din il-laqgħa ser issir bejn it-3 u s-6 ta Settembru 2026 f'Jum il-Lokal però għal dik is-sena ma jiġix iċċelebrat ħlif issir quddiesa minħabba l-attivitajiet tal-AGM. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi għandu bżonn l-għajnuna tal-Kunsilliera għal dan l-AGM anke permezz ta mezz ta' transport f'kaz li jkun hemm bżonn sabiex nibqgħu fil-budget, hu qal illi applikajna għal fondi SEM (Servizzi Ewropej Malta), tema tal-proġett hi vjolenza dometisika u victim sapport fejn intlaqat tajba ħafna fejn qal illi ikkuntatjaw anke speakers sabiex jitkellmu waqt l-AGM.*

18.2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri talab sabiex paġna 8 artiklu 17.9.3 paragrafu 3 għandu jinbidel u jinqara kif ġej.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi dawn għandhom ikollhom boat yard għaliex mhux suppost li jkollok dgħajjsa u m'għandekx fejn tqeda, l-Kunsill dejjem prova jgħin pero fil-mument li ma fadalx post kulħadd għandu jkollu post tiegħu.

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hekk kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 1 astenzjoni.

- ***Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba daħlet għal-laqgħa fis-6.06pm.***

18.2.2 **Matters Arising tal-Minuti: Laqgħa 17 li saret Nhar it-Tlieta 21 ta' Ottubru 2025:**

18.2.2.1 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 2 artiklu 17.2.2.3 rigward il-ħofra li hemm ġewwa San Tumas.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford qal li din l-ewwel saret mill-Kunsill, iżda reġgħet niżlet u f'Ottubru kellhu jsir xi xogħolijiet minn Infrastructure Malta però sa issa għadhom ma bdewx però illum stess huwa bagħat lil Perit Antoine Zammit però il-parti fejn hemm il-ħofra ma taqgħax taħtu u irreferih għal Perit Noel Gauci fejn tkellem miegħu u infurmaħ li iddiskutew fuqha u kellhu jitkellem mal-kuntrattur li għamel it-triq.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li hemm bżonn li sakemm issir għanda titgħatta bi pjanċa għax perikoluża.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq parti mit-triq ħdejn il-kamra il-ħadra sabiex tingħata ukoll.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford qal li dik qed jiddiskutu fuqha għaliex privata.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li ir-ramla kullimkien privat.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford qal li mhuwiex minnhu li r-ramla kullimkien privat. Huwa qal li l-lanqas il-kmamar ma huma kollha privati.

18.2.2.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 3 artiklu 17.2.8 jekk tal-Inspire tawniex risposta.

Is-Sindku spjega illi kif is-CEO jkollhu d-dokumenti kollha finalizzati, ser jitlob laqgħa magħna.

18.2.2.3 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 6 l-artiklu ta fuq nett, fejn staqsa meta ser jibda ix-xogħol ta Triq Sant Anna.

Is-Sindku qal li l-Perit Sapiano kkonferma illi iż-żewġ *culverts* ser jinbidlu max-xogħol. Huwa spjega li ser tinħadem bil-lejl fuq medda ta tlett ijiem fejn ser tinbarax ftit u mhux tinqala u tinbeda mill-ġdid.

Il-Kunsillier is-Sur John b Camilleri staqsa jekk hux ser jinbidlu s-servizzi ukoll.

Is-Sindku qal li jekk ser jinbidlu s-servizzi mhux ser issir f'erbgħa tijiem

- ***Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud daħlet għal laqgħa fis-6.16pm***

18.2.2.4 Il-Kunsillier is-Sur John B Camiller staqsa fuq paġna 4 artiklu 17.3.1 jekk kelniex feedback fuq il-lista tal-airbnb's.

Is-Segreatrju Eżekuttiv wieġbu li iva però ingħata lista twila u irridu naraw liema minnhom jinsabu fit-tlett toroq ikkonċernati.

18.2.2.5 Il-Kunsillier is-Sur John B Camiller tkellem fuq paġna 5 l-ewwel paragrafu fuq id-dawl tal-Milied għaliex issa Triq ix-Xatt minħabba ix-xogħol li qed isir fijha, it-toqob inqalgħu kollha. Huwa ssuġerixxa li bħala alternattiva, minflokk id-dawl jiġi armat fi Triq iż-Żonqor fejn hemm l-arbli u anke Triq tal-Gardiel.

Id-diskussjoni tkompliet u ġie ssuġġeriet li tintrama Triq tal-Buttar.

Is-Sindku qal li huwa tal-opinjoni li ma tiġiex mżejna triq ġdida għaliex is-sena ta wara umbgħad in-nies jkunu jridu li terġa tiġi mżejna.

Kien hemm qbil li jaraw fejn huwa permessibli li jintrama d-dawl

18.2.2.6 Il-Kunsillier is-Sur John B Camiller tkellem fuq paġna 9 l-ewwel paragrafu fejn talab li mal-lista tal-mistqosijiet li ntbagħtet għandu jiġi mistoqsi ukoll fuq il-problema li kelna fil-magħluq. Huwa spejga li l-problema hija n-nuqqas ta ċirkolazjoni u meta kien sar il-*bridge,* iċ-ċirkolazjoni tnaqset. Huwa qal li jekk minħabba x-xogħol ser jinqalgħa l-bridge, jkun il-mument li tiġi solvuta din il-problema.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li forsi jsir sprall biex ikun jista jitnaddaf.

Is-Segretartju Eżekuttiv qal li ser jinformahom.

Is-Sindku qal li l-*bridge* mhux ser jinqgħala iżda jekk ikun hemm bżonn ser jinbidlu biss il-planki li huma deterjorati. Is-Sindku qal li huwa ġie nfurmat li din hija l-ewwel fażi. Huwa qal li l-pjazza ukoll ser tgħola u tibqa dieħla sa Triq La Sengle. Huwa qal li l-bridge ser jingħalaq min taħt ħalli ma jidħolx iktar ilma baħar, umbgħad ser ssir sistema ta *sump* fejn kif jimtela jerġa joħroġ lejn Il-baħar u l-istess ser jsir ħdejn il-bandli.

18.2.2.7 Is-Sindku tkellem fuq paġna 2 paragrafu 17.2.2.1 fejn qal li l-post fuq *facebook* tal-istalls saret u kull ma fadal vojta huma 5.

18.2.2.8 Is-Sindku tkellem fuq paġna 3 paragrafu 17.2.7 fejn irringrazzja lil Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba għax irnexxilna nġibu €2000 mill-kultura għal Milied Skaliż.

18.3 ***<u>Kommunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

18.3.1 **<u>Mistoqsija fuq il-promenade mill-Kunsill Lokali ta' Marsaskala (35/3018/25/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi dawn kienu l-punti li riedu jitresqu fuq il-promenade u huwa bgħathom lil Ministru.

Il-Kunsillier is-Sur John b Camilleri qal li bħala kjarifika kien hemm żball għaliex l-arbli tad-dawl mhumiex *stainless steel* minn ġewwa imma *galvanized steel.*

18.3.2 **<u>Important re my absence email from Councillor Patrick Camilleri (35/3010/25/I):</u>**

Dawn ser jiġu diskussi iktar il-quddiem

18.3.3 **<u>Triq il-Blajjiet (35/3021/25/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li min-naħa tal-Works Division qed issir bankina ġdida u waqt li għaddejjin dawn ix-xogħolijiet, il-Kunsillier John b Camilleri tkellem mal-Perit inkarigat fejn il-bankina meta titla minn ħdejn il-Firilla fuq il-lemin ser issir wiesgħa 1.2metru

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li fejn hemm il-*planters* u siġar mejta u l-bankina hija dejqa għanda titneħħa l-*planter*. Huwa qal li hemm ukoll *planters,* li minħabba il-wire tad-dawl ma jistgħux jerġu jitħawlu s-siġar.

Kien hemm qbil li qabel ma jibda ix-xogħol issir laqgħa mal-Perit Zerafa Boffa.

18.3.4 **<u>Bejgħ tal-van Fiat doblo u xiri ta vann ieħor:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li il-magna ta' dan il-vann trid tinbidel u mhux vijabbli li tinbidel. Huwa qal li l-aħjar offerta biex jinbigħ dan il-vann hija ta €700.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm allokazzjoni ta' €25,000 fil-budget

Il-Kunsill qabel li dan il-vann jinbigħ u jinxtara ieħor.

18.3.5 **<u>Marsaskala Old People's Home Request for meeting:</u>**

Is-Sindku qal li l-Perit talab laqgħa magħna.

Il-Kunsill qabel li nistinduwhom 30 minuta qabel il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

18.3.6 **<u>Bus Stop Temporanju</u>**

Il-Kunsillier is-Sur John b Camilleri qal li kien twaħħal bus stop temporanju fi Triq il-Blajjiet u talab sabiex jsir permanenti għaliex jużawh ħafna nies.

Is-Sindku qal li hemm ieħor ukoll fi Triq San Gwakkin.

18.3.7 **<u>Pagamenti 7583 tal-laqgħa 16:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien hemm żball fil-figura ta' pagamenti nru 7583 li ġie approvat f'seduta 16 għaliex l-ammont għandu jaqra €340 u mhux €925.

18.3.8 **<u>Laqgħa mal-Cleansing Department:</u>**

Is-Sindku qal li tkellem mas-Sur Duncan Hall fejn infurmah li ser jżied is-servizz ukoll ta' qtugħ ta ħaxix fiż-żoni urbani. Huwa kompla jgħid li dan billi l-foreman Brandon jgħaddilu xi 4 jew 5 toroq u jibgħat team biex jaqtgħu l-ħaxix selvaġġ.

18.3.9 **<u>Statwa tal-Bronż The Silk Road Tea Break:</u>**

Is-Sindku qal illi l-Għaqda ta' Ħbieberija bejn Malta u ċ-Ċina qed taħdem mal-provinċja ta' chendu flimkien mal-Belt ta Dujianggyan biex jtuna statwa tal-bronz li fijha madwar metro b'2.1 metru. Huwa qal li għad jrid jinstab post fejn tista titpoħħa.

Is-Sindku qal li l-Għaqda ta' ħbieberija bejn Malta u Ċina qed jaħdmu sabiex jitilgħu b'delegazzjoni ġewwa iċ-Ċina fejn huma ser jħalsuna l-akkomodazzjoni. Huwa qal li meta umbgħad jiġu huma, aħna iħalsulhom l-akkomodazzjoni u dan ser jsir bejn Marzu u April.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan mhux ġemellaġġ u l-Kunsill ma jistax jirreċiproka.

Il-Kunsill qabel li nistaqsu lil Dipartiment jekk nistgħux nibdew il-proċess sabiex niġu ġemellati magħhom.

18.3.10 ***Delegazzjoni mill-Polonja***

Is-Sindku qal li kien hawn delegazzjoni mill-Polonja fejn marru għalijom l-ajruport u ħaduwhom il-parlament u anke Għawdex.

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba tablet sabiex tkun involuta fid-Douzelage.

18.3.11 ***Laqgħa mal-Perit Audrey Testaferrata De Noto:***

Is-Sindku qal li tkelmu fuq l-*ispeed cameras* fi Triq id-Daħla ta San Tumas fejn ma aċċetawhomx għaliex ma hemmx biżżejjed traffiku. Huwa qal li tkellmu ukoll sabiex issir *zebra crossing* imma *plateau* iżda tar-restaurant ser jkollom problema minħabba il-parkeġġ.

Is-Sindku qal li tkellmu ukoll fuq Triq il-Gemmugħa quddiem l-Inspire kif ukoll fuq l-*ispeed* li jsir fi triq il-qadima ta Wied il-Għajn li tagħti għal Ħaż Żabbar.

18.3.12 ***Fast Ferry***

Is-Sindku qal li transport Malta ikkonferma li ser joħorġu tender għal *hybrid vessel* biex jintuża għal Fast ferry *diesel* euro 6 u karozz ċirkulari bil-possibilita li tkun eletrika.

18.3.13 ***Palm li ser jinqalgħa fuq l-arkati:***

Is-Sindku qal li l-palm li ser jinqala sakemm jsir ix-xogħol ser jiġi mħawwel ġol-ħofra ta faċċata u kif ser jitlesta ix-xogħol ser jerġa jiġu rilokati fejn kienu oriġinarjament.

18.4 ***Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:***

18.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**18.5** ***Rapporti:***

**18.5.1** **Approvazzjoni tal-Budget 2026:**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta il-budget li għadu kif ġie preżentat waqt il-laqgħa pubblika.

Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-budget 2026 u ssekonda l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

**18.6** ***Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:***

Ma kienx hemm items oħra

**18.7** ***Korrispondenza:***

**18.7.1** **Douzelage 49th AGM 2025 16th to 19th October 25:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn huma il-minuti tal-laqgħa li saret fil-Greċja u qal li is-sena id-dieħla ser issir ġewwa Marsaskala.

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet lil kemm l-Għaqda tal-Banda kif ukoll Dr Steve Borg avviċinawha fejn qali li huma għandu xi proposti fuq id-Douzelage.

Is-Sindku staqsa jekk hux qed jirreferu għal AGM li ser issir is-sena id-dieħla.

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba wieġbet li mhux għal AGM.

Id-diskussjoni fuq id-Douzelgae bejn il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba u s-Sindku tkompliet.

Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet li huwa importnati li jiltaqgħu ħalli jfasslu l-programm tal-AGM 2026 flimkien ħalli kulħadd jgħatti l-idejat tiegħu.

**18.7.2** **Kalendarju:**

Is-Sindku qal li din konna għaddejnija f'xi laqgħa preċedenti sabiex ngħamlu 2000 kalendarju u jitqasmu mill-Kunsill u preżenta il-kwotazzjonijiet.

| | |
|---|---|
| Ecoprint | €5320.00 exc 5% Vat |
| Avantprint | €2625.00 exc 5% Vat |
| Bestprint | €2850.00 exc 5% Vat |

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li taħt kull ritratt għandha issir deskrizzjoni.

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet li fl-opinjoni tgħaha minflokk jidher artist wieħed biss dak ix-xahar għandu jkun fuq diversi artisti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jista jsir ukoll li l-kalendarju għal din is-sena ikun iffukat fuq *landmarks* u is-sena d-dieħla jsir fuq artisti.

Il-Kunsill qabel li din is-sena il-kalendarju jsir kollhu *landmarks* u din l-offerta tingħata lil Avantprint

**18.7.3** **Continuation of the Local Permit System:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din hija sistema li aħna diġà qed nużaw imma id-dipartiment talab li l-kunsill lokali jiddeciedi waqt seduta jekk hux se jkompli b'din is-sistema jew imur ghal kwotazzjonijiet.

Il-Kunsill qabel li aħna inġeddu din is-sistema mal-istess kuntrattur cioe Local Permits.

**18.7.4** **PA/06645/25 Change of use from quay area below promenade to ferry landing waiting area and construction of access ramp:**

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar staqsa jekk il-loġġoġ hux ser jitneħħew.

Is-Sindku qallu li l-loġġoġ ser jibqu hemm imma ser jinbidel is-saqaf u ser jitneħħa il-moll li huwa mgħarraq.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar staqsa fejn ġejja ir-rampa paragun mal-loġġoġ.

Il-Kunsillier is-Sur John b Camilleri qali li huwa għandu mistoqsijiet li jaħseb li għanda nistaqsu fuqhom

1) Visual aspect għax jafx kif ser jiġi
2) L-arkati kif ser jiġu wara li jinbidel is-saqaf peress li darba kien ġie diskuss li jiġu kwadri
3) Project impact assessment, visual impact assessment, astethic impact Studies, traffic management impact assessment ma għandhomx.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li huwa qed jifhem illi din l-applikazzjioni qed issir għaliex marbuta mal-fast ferry li ser jsir hemmek. Huwa qal li saret mistoqsijiet parlamenti fejn ġie mistoqsi fuq l-impatt ekonomiku, l-ispiża totali tal-proġett, *return on investment* u l-ispejjeż indiretti fuq il-komunita, kif ukoll il-Ministru ġie mitlub jressaq l-istudju li saru li minnhom irriżulta li Marsaskala kienet l-aħjar lokalita għal proġett tal-ferry jew inkella anke ġie mitlub il-Ministru jressaq l-istudju li saru fuq lokalitajiet alternattivi, jew anke fl-opinjoni tiegħu siti alternattivi go Marsaksla stess.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li għalkemm il-Ministru ikkonferma li l-istudju jinkludu numru ta aspetti u allura qed jirrikonoxxi li saru studji, fosthom il-fattibilita tal-proġett, il-bżonijiet tal-operat, il-vijabilita finazjara tar-rottot proposti, id-domanda mis-suq għal proġett u assessment għar-riduzzjoni fit-traffiku, l-kunsiderazzjonijiet ambjentali u benifiċċju ekonomiċi oħra, u allura huwa saħaq li donnu illi l-istudji saru però umbgħad huwa qal li l-Ministru jirrispondi illi peress li dan il-kuntratt jrid jingħata permezz ta *tender* u l-istudju fih dettalji li jistgħu jagħati vantaġġ lil *bidders* prospettivi mhux aqli li dan l-istudju jiġi ippublikart.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li kif qed issir il-proposta huwa mhux komdu li jgħid iva għalija kif qed tiġi proposta. Huwa qal li huwa rappreżentant tan-nies li għalkemm jifhem ir-raġuni għaliex dan ir-rapport mhux qed jiġi ppublikat, imma ċertu aspetti tal-impatt ambjentali ma jistax jifhem għaliex ma jiġiex ippublikat. Alura qal li ġaladarba dawn ir-rapport mhux ippublikati fejn wieħed jista jara li skond ir-rapporti, il-*fast ferry* ma hemmx posta aħjar alternattiv fejn jista jsir ħlief fejn qed jiġi propost mhux komdu li jivvota favurih kif inhu hekk.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li l-Ministru ġie mistoqsi ukoll fuq ir-riżultat tas-survey tas-Sur Marmar, il-Ministru dan is-survey ippublikah fejn li 58.6% tan-nies irrispondu iva fuq il-mistoqsijia u ikkowta, *the repsondant were asked to state weather they think a fast ferry Service between Valletta and Marsaskala would be a good idea.* Huwa qal li kieku huwa ġie mistqsi din il-mistoqsija huwa kien iwieġeb iva. Iżda huwa saħaq li in-nies ma ġewx mistqsija propju illi jew jaqblux illi l-fast ferry issir propju quddiem il-loġġoġ ġewwa l-bajja ta Marsaskala, kieku il-maġġoranza tan-nies irrispondew iva, allura illum kien ikun f'pożizzjoni komda li jivvota iva anke jekk forsi personalment jaf ma jaqbiliex magħha. Huwa qal li għal dan is-survey ġew mistoqsija madwar 600 ruħ.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li jekk ser jkollu jivvota ser jivvota kontra u mhux għax huwa kontra l-*fast ferry* iżda għaliex huwa ma għandux l-informazzjoni kollha biżżejjed biex illum jivvota favurija

Il-Kunsillier John B Camilleri kompla ma dak li qal il-Kunsillier Dr Errol Cutajar fejn qal li huwa ma jistax jivvota fuq xi ħaġa li ma għandux l-informazzjoni kollha fuqha, fosthom *traffic impact assessment*, kif ser jaffettwa t-traffiku f'każ li jekk hemm bżonn ta ambulanza jew *fire engine*, jekk xi ħadd iweġġa jekk sarx xi tip ta *management* fuq it-traffiku

Il-Kunsillier Francis Gilford qal li allaħares ma sarx studju fuq hekk. Huwa staqsa li jekk f'każ ta ambulanza, qed jaħsbu li ser jkun hemm daqshekk traffic iġġamjat? Huwa qal li ħafna isemmu il-problema tal-parkeġġ però ħadd mhu qed isemmi li ser jkun hemm parkeġġ ta 350 karozza fejn kien l-impjant tar-riċiklaġġ, bis-servizz tal-park and ride, kif ukoll *circulation bus*. Huwa qal li bħala *dredging* diġa sar fi żmien it-tmeninijiet u l-*posedonia* xorta reġgħet telgħet. Huwa qal li bħala ferry kif jidhol u joħroġ ser ikun fuq hybrid.

Is-Sindku qall Ii fuq il-*vessel* li ser jkun hybrid għandna risposta u kif ukoll ic-*circulation bus* x'aktarx ser tkun tal-elettriku. Huwa qal li bħala Kunsill għamilna diversi mistoqsijiet u kollha ġejna imwieġba għalijom u allura ma jafx għalfejn qed jsiru dawn il-mistoqsijiet issa.

Il-Kunsillier Beverley Saliba qalet li l-artifatti ukoll itellgħaw u qedgħin Heritage Malta.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li bħala mistqosijiet ġew imwieġba iżda huwa saħaq li l-Ministru qed jgħid li għandu rapport fuq l-aspett ambejntali li mhux qed jarawh fuq ir-raġunijiet li qed jgħati l-Ministru, pero` huwa saħaq illi l-impatt ambjentali għandu jkun jafu jew jekk sarx studju jekk kienx hemm lokalitajiet oħra qabel ma intażlet Marsaskala ma qalilinienx u anke il-post fejn ser jsir.

Is-Sindku qal li kieku il-Ministru jaf li dan ser ssir xi ħsara kieku mhux ser jsir

Il-Kusnillier Dr Errol Cuatajar qal li bħala ċittadin ordinarju jista jidħol fis-sit tal-*planning authority* u jgħamel *submission* u huwa tal-fehma bħala Kunsill għandna ngħamlu submission la għad ma għandiex l-informazzjoni kollha sabiex niddeċiedu favurija u jekk il-Ministeru għandu r-riżultat ta x'ser ikun l-impatt ambjentali bħala Kunsill la aħna mitluba li niddeċiedu favur jew kontra għanda narawh dan ir-rapport. Huwa qal li l-Ministru ma weġibx li bħala Marsaskala u ħdejn il-loġġoġ huwa l-uniku u l-aħjar post sabiex isir il-*fast ferry.* Huwa reġa saħaq li huwa mhux kontra l-idea tal-*fast ferry*, iżda fuq in-nuqqas ta informazzjoni huwa mhux komdu li jgħid iva.

Il-Kunsillier Jesmond Abela qal li huwa jinkwieta li dan ser ikun vapur ta' 40 metru għaddej kull nofs sija u staqsa sarx studju fuq tal-impatt tal-mewġ x'ser joħloq. Huwa qal li huwa jaqbel mal-fast ferry però mhux fil-post li ser jsir.

Is-Sindku qal li waqt il-laqgħa li l-Kunsill kellhu mal-Ministru qal li l-vessel kienet ser tidhol *dead slow*.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar ried jerġa jikjarifika li huma mhux ma jaqbiliex mal-post fejn ser isir iżda biex jaqbel mal-post fejn ser isir jrid ikollu iktar informazzjoni, għaliex ma għandux informazzjoni biżżejjed u l-informazzjoni li talbu lil Gvern ma ġietx kollha, fejn qed jirreferi għal mistoqsija parlamenti mresqa mill L-Onor Ivan Castillo.

Is-Sindku qal li bħala *swimming zones* ser jibqu xorta. Huwa qal li kieku jsir id-dredging u ma jiġi irranġat il-promenade kieku il-promenade jaqa u għalhekk ser jsiru l-affarijiet sew.

Il-Kunsillier John B Camilleri qal li *dredging* jer jkollu jibda jsir ta spiss.

Il-Kusillier Francis Gilfors qal li d-*dredging* mhux ser issir kull 5 jew 10 snin. Huwa qal li wieħed għandu jara kemm għaddew snin mill-aħħar darba li sar.

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela qal li jrid issir id-*dredging* sabiex il-vapur joqgħod.

Il-Kunsillier Celine Camilleri qalet li biex issir id-*dredging* bilfors irid jinqala l-ħaxix u affarijiet oħra. Hija staqsiet jekk bid-*dredging* ser jinqala qih il-baħar u allura waqt ix-xogħolijeit in-nies hux ser jkunu jistgħu jibqu jgħumu fuq in naħa l-oħra u anke id-divers ser jispiċċaw.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li anke taħt l-awwista kienu jgħumu u issa bil-ħbula li għamlu mhux ser ikun possibbli li jgħumu iktar.

Il-Kunsillier Francis Gilford qal li l-Ministru qal li anke l-irmiġġi mhux irreġistrati ser jtuwhom post alternattiv.

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-komunikat li bgħatu l-Viċi Sindku Janice Falzon u l-Kunsillier Dr Patrick Camilleri li iddikjaraw il-pożizzjoni tgħahom li huwa favur il-*fast ferry*.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li huwa jemmen li għanda issir *submission* għaliex ma għandiex informazzjoni teknika b'mod partikolari fejn jidħol l-impatt ambjentali u l-impatt fuq l-inħawi u fuq il-lokalita` u allura bħala Kunsill ma nistgħux nieħdu pożizzjoni fuqha.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qed jipproponi li għanda issir *submission* għaliex bħala Kunsill huwa jħoss illi is-sottomissjoni li għandu jgħamel il-Kunsill hija illi ma hemmx l-informazzjoni teknika biżżejjed illi l-Ministeru tal-Infrastruttura u tat-trasport li qiegħed jgħid li għandu f'idejh, mhux qeda f'idejn il-Kunsill , jew iktar aħjar il-partijiet importanti li qed jitkellem fuq l-impatt ambjentali u l-impatt fuq ir-resident u l-impatt fuq l-inħawi, kif ukoll is-*social, visual and traffic impact* ma għandna xejn f'idejna u allura ma nistgħux ngħidu iva jew le.

Din il-mozzjoni issekondaha il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri

Il-vottazzjoni ittieħed u r-riżultat huwa dak li ġej:

Favur: Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar, il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri, il-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela u l-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri

Kontra: Is-Sindku, il-Kunsillier Francis Gilford, il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud, il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba, il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsusd.

Astensjoni: Ma kienx hemm astenzjoni

Favur: 4
Kontra: 5
Astenzjoni: 0

Din il-mozzjoni ma għaddietx

Is-Sindku qal li mill-informazzjoni li sehma u mill-mistqosijiet li saru u d-diskussjoni li kellna mal-Ministru huwa jħossu pjuttost sodisfatt min dak li ser jsir u jemmen li dan il-proġett huwa *win win situation* għar-residenti u jemmen li hemm ħafna affarijiet pożittivi.

Din il-mozzjoni issekondata s-Sinjura Beverly Saliba.

Il-vottazzjoni ittieħed u ir-riżultat huwa dak li ġej:

Favur: Is-Sindku, il-Kunsillier Francis Gilford, il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud, Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba, il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud.

Kontra: Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar, il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri, l-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela u l-Kunsill is-Sinjorina Celine Camilleri

Astensjoni: Ma kienx hemm astenzjoni

Favur: 5
Kontra: 4
Astenzjoni: 0

Din il-mozzjoni għaddiet.

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet li dan huwa *ongoing project* u iktar ma jkollna informazzjoni iktar aħjar.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li diġà hemm il-fuq minn 100 *submission* sottomossa. Huwa qal li l-*impact assessements*, il-Planning Authority dejjem tista titlobhom waqt l-istadju tal-evalwazzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela qal li sallum għad ma għandiex.

Il-Kunsillliera is-Sinjorina Celine Camilleri, Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela u l-Kunsilliera Dr Errol Cutajar qalhu li huma ivvutaw kontra mhux għax ma jaqblux mal-*fast ferry* għaliex huma jaqblu, iżda għax ma għandhomx biżżejjed informazzjoni fuq din l-applikazzjoni.

**18.7.5** **<u>PA/06646/25 Dredging Works (area near main breakwater arm) Triq is-Salini Marsaskala:</u>**

Il-Kunsillier uis-Sur John b Camiller qal li marine *ecological survey, archeological assessment u environmenatal impact assessment* ma jissemmiex..

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar staqsa jekk aħna bħala Kunsill nistgħux naqblu dwar il-fatt li dawn għandhom jingħataw mill-applikant. Huwa qal li bħala Kunsill mhux xi ħaġa ta barra minn hawn li tintalab.

Il-Kunsillier Francis Gilford qal li huwa ma jaħsibx li minħabba ħaxixa jew ħuta il-proġett ma sjirx

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li huwa jrid jserrah rasu li l-awtoritajiet tagħna dawn l-affarijiet ser jgħamluhom qabel ma jsir *dredging*.

Is-Sindku qal li bl-informazjoni li tgħana il-Ministru hija biżżejjed għalih. Huwa qal li l-Ministru kien ċert fuq dak li kien qed jgħid.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li għalkemm meta kellhom is-seduta mal-Ministru ġewwa l-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill kien ġie nfurmat mill-Ministru illi l-*ferry* mhux ser jsir fejn kien semma hu fil-video li kien għamel. Il-Kunsillier is-Sur John b Camilleri qal illi illum jirriżulta illi huwa kien qed jgħid is-sewwa għaliex filfatt kemm id-*dredging* kif ukoll il-ferry ser ssiru fejn kien qal hu stess fil-*video* msemmi.

Is-Sindku qal li anke kien hu jgħid li hemm ser jsir.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li ma għandiex r-rapporti fuq l-*marine ecological survey, l-archeloecological impact assessment u environmaltal impact assessmet, traffic impact assesment u* għanda ngħamlu sottomissjoni sabiex l-applikant jipprovdi din l-informazzjoni.

Din il-mozzjoni issekondaha il-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela.

Il-vottazzjoni ittieħed u ir-riżultat huwa dak li ġej:

Favur: Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar, il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri, il-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela u l-Kunsill is-Sinjorina Celine Camilleri

Kontra: Is-Sindku, il-Kunsillier Francis Gilford, il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud, Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba, il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud.

Astensjoni: Ma kienx hemm astenzjoni

Favur: 4
Kontra: 5
Astenzjoni: 0

Din il-mozzjoni ma għaddietx

Is-Sindku qal li huwa jħossu kuntent bl-informazzjoni li għandu.

Din il-mozzjoni issekondata s-Sinjura Maryrose Mifsud

Il-vottazzjoni ittieħed u ir-riżultat huwa dak li ġej:

Favur: Is-Sindku, il-Kunsillier Francis Gilford, il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud, Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba, il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud.

Kontra: Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar, il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri, il-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela u l-Kunsill is-Sinjorina Celine Camilleri

Astensjoni: Ma kienx hemm astenzjoni

Favur: 5
Kontra: 4
Astenzjoni: 0

Din il-mozzjoni għaddiet.

**18.7.6** ***<u>Deċiżjoni fil-qorti kostituzzjonali fir-rigward tal-pompa tal-petrol:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega il-proċess kollhu tal-pompa tal-petrol u spjega illi wara li l-kawża kienet inqatet favur il-Kunsill fil-Qrati tal-Appell mil-Prim Imħallef, l-iżviluppatur reġa appella fil-Qorti Kostituzzjonali u rebah dan l-appell u id-decizjoni kienet li l-każ għandu jerġa jinstema fil-Qrati tal-Appell quddiem Imħallef ieħor. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li informa lil Avukat tal-kunsill kif ukoll l-Avukat Claire Bonello biex ikomplu fuq il-każ.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li jekk huwa smigħ mill-ġdid spjega li fija żewġ fażijiet, fejn l-ewwel il-qorti tiddeċiedi jekk hemmx każ ta smigħ mil-ġdid u jekk ikun hemm umbgħad jsir is-smigħ mill-ġdid.

**18.8** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 17:</u>***

**18.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta invoices li daħlu tard:

| Supplier | Inv No | Description | Amount |
|---|---|---|---|
| Ecopure | 1294840 | water | €9.40 |
| Tiffany's Kiosk | T112025 | Food and beverages polish group | €336.06 |
| Avantech | 324040 | FSMA | €49.45 |

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud issekondat. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni

**18.9** ***<u>Mozzjonijiet:</u>***

Ma hemm mozzjonijiet

**18.10** Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tlieta 16 ta' Diċembru 2025 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 10 ta' Novembru 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ____________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |